**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**12 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru 5/2020**

**Giulio Zammit**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Giulio Zammit**ipprezentat fl-20 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti rceviet ittra ufficjali enumerata 673/2019 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A'), li mhix datata u li giet notifikata lilu fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bl-affissjoni. Permezz ta' din l-ittra ufficjali huwa gie <u>infurmat illi se jigi zgumbrat mill-fond fl-indirizz Blokk A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann, stante illi qed jokkupa l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi</u>.*

*Illi huwa qed jikkontesta din id-decizjoni stante illi DAN L-IZGUMBRAMENT HUWA MINGHAJR BAZI LEGALI;*

***Illi stante illi l-esponenti hass ruhu aggravat bl-avviz surreferit hekk kif kontenut fl-ittra ufficjali surreferita, huwa qed jipprezenta dan ir-rikors, entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata, bhala oggezzjoni ghall-istess, u ghalhekk qed jiprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti skont il-ligi, ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan a bazi tas-segwenti ragunijiet:;***

***<u>Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>***
*1. Illi in linea preliminari jigi sottomess, illi minkejja illi l-Artikolu 10(1) tal-Kap 573 jiddisponi illi: '**<u>Id-decizjoni tal-izgumbrament ghandu jkun fiha r-ragunijiet kollha</u>** ghaliex din tkun ittiehdet u ghandha tigi notifikata lil dak il-persuna li tkun trid tizgumbra permezz ta' ittra ufficjali li tipprezenta fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew fil-Qorti tal-Magistrati*

*(Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, skont il-kaz…' l-ittra surreferita ma tinkludi l-ebda raguni ghalfejn ittiehdet din id-decizjoni, hlief li 'l-fond okkupat minghajr ebda titolu validu fil-ligi';*
*2. Illi konsegwentement, l-ittra mibghuta minn l-Awtorita' u kontenenti l-imsemmija ordni hija NULLA U RRITA stante illi hija redatta b'mod lakoniku ghall-ahhar u skarna minn ragunijiet b'tali mod u manjiera illi mhuwiex possibbli ghall-esponenti li tiddetermina r-raguni ghal din l-ordni;*
*3. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni tal-Awtorita' hijab la bazi u dan peress illi mhux minnu illi r-rikorrenti qed tokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi u filfatt huwa ilu registrat fl-indirizz Block A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann, mis-sena 2000, u hemm jabita. In oltre, il-karta tal-identita' tieghu hija rregistrata fuq dan l-indirizz bhala l-unika residenza tieghu;*
*4. Illi zijuh Vincent Falzon, li kien u ghadu sal-lum rikonoxxut bhala l-inkwilin ta' dan il-fond, kien ghadda minn perjodu ta' mard mentali u ghalhekk kien gie ammess l-Isptar Monte Carmeli ghal xi zmien. Ir-rikorrent kien joqghod ma' zijuh Vincent Falzon, flimkien ma' ommu Ines Falzon, fl-istess fond. Meta mietet l-omm fl-2001, il-kirja ghaddiet fuq l-imsemmi Vincent Falzon, u r-rikorrent baqa' joqghod hemm peress li kieku kien jispicca minghajr dar;*
*5. Illi l-attur jikkonferma li fis-sena 2005 kienu ttiehdu passi kriminali kontrih fuq akkuzi li hu kien dahal f'dan il-fond minghajr ebda permess, izda li b'sentenza tal-24 ta' Frar, 2005 hu kien gie lliberat minn dawn l-akkuzi.*
*6. Illi fl-2015 l-Awtorita' konvenuta kienet diga' tablet lir-rikorrenti jizgombra minn din il-proprjeta' u wara ftit irtirat id-decizjoni taghha.*
*7. Illi ghaldaqstant l-Awtorita' ma tistax tatribwixxi kwalunkwe nuqqasijiet taghha lir-rikorrenti;*
*8. Illi konsegwentement, fil-fehma tal-esponenti d-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija wahda kompletament zbaljata u li ma ssib l-ebda riskontru fil-fatt jew fid-dritt u dan peress illi kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti waqt is-smigh tal-istanti, hija dejjem ghexet fil-fond surreferit;*
*9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-onus probandi li l-esponenti qieghed jokkupa l-fond de quo minghajr ebda titolu validu fil-ligi tinkombi UNIKAMENT fuq l-Awtorita' Intimata u dan in vista tal-principju espress u abbraccjat mill-gurisprudenza illi min jallega jrid jipprova – qui allegat probat – stante li l-obbligu tal-prova ta' fatt, dejjem imiss lil min jallegah u dan kollu a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll ta' dawk ir-ragunijiet kollha li se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu sabiex filwaqt li JIDDIKJARA d-decizjoni tal-Awtorita' tad-Djar kif kontenuta fl-Ittra Ufficjali enumerata 673/19, fejn talab l-izgumbrament tar-rikorrenti, BHALA WAHDA MINGHAJR BAZI LEGALI, u ghalhekk ma tiswiex, u konsegwentement, IHASSARHA U JIRREVOKAHA u dan prevja kwalunkwe ordni u/jew provvediment meqjus opportun fic-cirkostanzi"***

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** datata 28 ta' Jannar 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrenti beda dawn il-proceduri in segwitu ghall-ittra ufficjali 673/2019 mibghuta lilu ai termini tal-Art 9 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta. B'din l-ittra l-attur qed jigi interpellat jizgombra mill-fond Flat 21, Blokk A, Triq il-Hawha, San Gwann peress li hu qed jokkupa l-imsemmi fond minghajr titolu validu fil-ligi.*

2. ***Fl-ewwel aggravju*** *tieghu r-rikorrent qed jghid li l-ittra ma tindikax raguni ghaliex qed jintalab l-izgumbrament. Dan hu skorrett ghall-ahhar ghax kif jindika l-istess rikors promotur l-ittra ufficjali tindika li r-raguni ghall-izgumbrament hi li l-attur okkupant kien qed jokkupa l-fond minghajr titolu validu fil-ligi.*

   *L-attur jghid li l-ittra ufficjali hi "skarna u lakonika" b'mod li l-attur ma jistax jaghmel id-difiza tieghu. Imma hu evidenti li dan mhux minnu. L-Awtorita' tad-Djar qed tghid li l-attur ma ghandux titolu biex ikompli jokkupa dan il-fond. L-unika difiza li jista' jaghti l-attur ghal dan il-fatt hu billi jressaq xi forma ta' prova li turi li hu ghandu titolu. Evidentement l-attur ma jistax igib din il-prova ghax kif ben osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Giulio Zammit v Antoinette Vassallo bhala chairperson tal-Awtorita' tad-Djar u in rappreżentanza tal-istess – Rik 988/16 LM deciza 14 ta' Jannar 2019"** l-attur ma jgawdi ebda titoli. Hekk osservat dik il-Qorti:*

   *"L-attur jippretendi li ladarba ġie meħlus mill-akkużi kriminali miġjuba kontrih, dan ifisser li hu rebaħ xi jedd li jibqa' jgħix f'dan il-fond, jew li l-pussess akkwistat minnu b'xi mod ġie leġittimat, iżda ċertament li dan mhux il-każ. Anki li kieku l-attur daħal jgħix fil-fond bil-barka ta' zijuh, l-inkwilin attwali tal-fond, dan kollu ma jagħtih l-ebda jeddijiet fuq din il-proprjetà stante li dan sar ad insaputa u mingħajr għarfien tas-sid tal-proprjetà, liema sid suppost japplika kriterji oġġettivi fl-evalwazzjoni li jrid jagħmel qabel jirrikonoxxi persuna bħala inkwilina fi proprjetà tal-Gvern. Huwa fatt magħruf li l-Awtorità tad-Djar għandha sistema ta' punti li talloka fuq bażi ta' mertu għall-każijiet li jitressqu quddiemha, u li min jiġi allokat fond mingħandha għall-kiri jkun issodisfa r-rekwiżiti imposti mill-istess Awtorità, u dan sabiex jiġi assigurat li dawn il-fondi verament jinkrew lil min għandu bżonn akkomodazzjoni soċjali."*

   *Dan it-Tribunal qed jigi sollecitat jara is-sentenza shiha hawn citata (li tinsab annessa) li tittratta ukoll fatti konnessi mal-mertu odjern.*

3. ***Fit-Tieni aggravju*** *l-attur jghid li hu qed jokkupa l-fond de quo b' titolu validu skont il-ligi u l-prova dwar dan skont hu, hi li il-karta tal-identita' tieghu ilha registrata fuq dan il-fond sa mis sena 2000. Imma anke jekk tassew l-attur kien jghix hemm xorta dan il-fatt ma jaghtihx titolu. L-uniku inkwilin rikonoxxut fil-fond de quo huwa iz-ziju tal-attur Vincent Falzon.*

   *L-attur ma jistax jippretendi li hu ghandu xi dritt sagrosant li jisraq din il-kirja minn ghand zijuh jew minn min ikun meritevoli. L-attur isemmi li hu kien jghix ma' zijuh imma l-verita' hi dik li gia harget fil-provi prodotti fil-kawza citata fuq. L-attur ittenta jitfa 'l barra lil zijuh kif jixhdu is-social workers li kienu qed jassistu lil Vincent Falzon. Dawn is-social workers fil-kawza tal-Prim Awla kienu prodotti mill-istess attur.*

   ***L-Oneru tal-Prova.*** *L-attur ukoll jizbalja meta jittratta dwar l-oneru tal-prova. Filfatt l-attur jghid li hi l-Awtorita' tad-Djar li trid tipprova li iulio Zammit ma kellux titolu li jokkupa il-fond de quo. Imma fil-fatt l-Awtorita' tad-Djar qed tallega li l-attur irid jigi zgumbrat ghax ma ghandux titolu validu fil-ligi. U hadd ma jista jigi mitlub jipprova fatt negattiv. Mill-banda l-ohra, bhalma jigri quddiem il-Bord tal-Kera, meta persuna teccepixxi titolu (per ezempju ta' kera) sta ghaliha li tipprova dik l-allegazzjoni ta' titolu ... u hu hawn fejn jidhol il-principju "qui allegat probat", citat barra minn loku*

*mill-attur. L-attur ovvjament dan ma jistax jaghmlu u din il-prova ma jistax igibha ghax jaf li titolu fuq dan il-fond qatt ma kellu.*

4. *Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li l-fond de quo kien mikri ghand iz-ziju tal-attur certu Vincent Falzon. Dan kellu problemi psikjatrici u kien rikoverat Mount Carmel. Meta dan gie biex johrog sab li Giulio Zammit kien wettaq spoll u hadlu l-pussess tal-post. L-Awtorita' tad-Djar anke imwissija mis-Social Worker ta' Vincent Falzon kienet ser tibda proceduri ta' zgumbrament kontra Giulio Zammit taht il-ligi l-antika – Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta. Imma kif seta' jigri taht dik il-ligi Giulio Zammit irnexxielu jikseb digriet ta' inibizzjoni fuq bazi tal-prima facie dritt li kien gej mill-pussess li kellu. Imma l-kawza li kellu jiftah Giulio Zammit tilifha u biex minghalih igib hames snin ohra ta' okkupazzjoni ta' post tal-Gvern li qatt ma kien mikri lilu appella. Fortunatament harget il-ligi gdida taht il-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu huma l-proceduri odjerni. Taht dawn il-proceduri l-attur, kif ghandu dritt jaghmel qed jikkontesta l-izgumbrament ordnat bl-ittra ufficjali kif ghandu dritt jaghmel. Imma f'din il-procedura iz-zmienijiet huma akkorcati.*

   ***Ghal kompletezza pero' l-esponenti ser jindikaw x'irrizulta fil-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li intrebhet mill-Awtorita' tad-Djar.***

   *Il-kawza hi fl-ismijiet "**Giulio Zammit v Antoinette Vassallo bhala chairperson tal-Awtorita' tad-Djar u in rapprezentanza tal-istess – Rik 988/16 LM deciza 14 ta' Jannar 2019". Qed tigi annessa kopja tas-sentenza li l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal jara ghax titfa dawl qawwi fuq il-maniggi ta' Giulio Zammit.***

5. *Illi dwar il-kawza fl-ismijiet **Giulio Zammit v Antoinette Vassallo bhala chairperson tal-Awtorita' tad-Djar u in rapprezentanza tal-istess – Rik 988/16 LM deciza 14 ta' Jannar 2019"** jinghad li in succint, l-attur talab lil Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddikjara li huwa joqghod fil-fond Block A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann u li huwa ilu jabita f'dan il-fond sa mis-sena 2000 bhala l-unika residenza tieghu. Talab ukoll li dik l-Onorabbli Qorti issib illi l-inkwilin vigenti huwa z-ziju tal-attur Vincent Falzon u fl-istess waqt talab ukoll dikjarazzjoni illi huwa ghandu interess guridiku li jitharsu l-jeddijiet tieghu ta' pussess u abitazzjoni tal-imsemmi fond. Talab ukoll dikjarazzjoni li l-Awtorita' esponenti ma setghetx tittenta tizgombra lill-attur bis-setghat moghtija lilha mill-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta u li meta hija ttentat tizgumbrah, l-Awtorita' esponenti uzat hazin id-diskrezzjoni amministrattiva taghha. In finis, l-attur talab ukoll li dik l-Onorabbli Qorti tordna lill-Awtorita' esponenti sabiex tirrikonoxxi t-titolu ta' pussess u abitazzjoni li ghandu r-rikorrent u tirregolarizza l-posizzjoni tieghu.*

6. *Illi wiehed ma jkunx zbaljat jekk li jghid li l-azzjoni attrici, kif stradata permezz tat-talbiet f'dik il-kawza kienet wahda konfuza, konvulata u li rari (jekk qatt) jaraw bhalha l-Qrati. It-twegiba ghal dan tirrisali ghall-fatt li l-uniku skop tal-azzjoni kien illi zzomm haj mandat ta' inibizzjoni li kiseb l-attur (sempliciment fuq bazi ta' prima facie) sabiex izomm lill-Awtorita' esponenti milli tizgumbrah bil-ligi l-antika minn fond illi huwa kien qed jiddetjeni illegalment, abbuzivament u minghajr titolu rikonoxxut fil-ligi.*

7. *Illi l-fatti relevanti huma s-segwenti:*

a. *Illi l-fond Blokk A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann hu post tal-Gvern li barra li hu tal-Gvern hu ukoll rekwizizzjonat (RO 27465) u li kien mikri lil Inez Falzon fil-11 ta' Dicembru 1987. Hi mietet fis-27 ta' April 2001 u gie rikonoxxut bhala inkwilin binha li kien jghix maghha certu Vincent Falzon;*

b. *Illi Vincent Falzon kien l-uniku inkwilin tal-fond u mhux ko-inwilin kif kien qed jipprova jpingiha fil-kawza l-ohra r-rikorrent. Meta mietet Inez Falzon fir-registru elettorali kienu jidhru biss bhala residenti fil-post Vincent u l-istess Inez – l-attur, li dak iz-zmien kellu 22 sena, ma kienx jidher regsitrat fuq dan il-fond;*

c. *Illi l-Awtorita' tad-Djar ghandha is-setgha li ttemm kirja taghha jew ma ggeddidhiex u twettaq evizzjoni anke meta l-okkupant hu inkwilin regolari taghha ahseb u ara meta bhal dan il-kaz l-okkupant qabad u dahal fil-fond minghajr titolu;*

d. *Illi allura, il-kirja tal-fond ghaddiet fuq Vincent Falzon. Dan tal-ahhar gie rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli u halla il-post vojt biex jerga' jmur jghix fih hu. Kien f'dan il-waqt li l-attur qabad u dahal fil-fond u ghamlu tieghu. Filfatt, l-attur ma gab u ma ghandu ebda prova li hu kerrej rikonoxxut ta' dan il-fond. Jekk xejn l-uniku fatt li jista jivvanta hu dak ta' "squatter". Fir-rikors promotur fil-kawza l-ohra hu jishaq li "din hi l-unika residenza" tieghu – din l-insistenza issir ghax l-istess Giulio Zammit jaf sewwa li hu qatt ma gie rikonoxxut bhala inkwilin f' dan il-post tal-Gvern. Allahares jigi permess li persuna li issir taf li xi hadd ser jerhi il-kirja tieghu tal-post tal-Gvern, ikun jista' jarroga ghalih id-dritt li jaqbad u jidhol jokkupa l-fond minghajr titolu. Issa f'dan il-kaz lanqas jirrizulta li Vincent Falzon kien ser jerhi l-kirja li kellu.*

e. *Illi jigi rilevat illi l-istess Giulio Zammit qatt ma ressaq applikazjoni ghall-akkomodazzjoni alternattiva f'ismu proprju mal-Awtorita' esponenti u ghalhekk, qatt ma jista' jigi rikonoxxut mill-istess Awtorita' stante li ma ghandu ebda ness maghha. L-iskop tal-applikazzjoni hu biex meta ikun hemm fond vojt l-Awtorita' tkun tista tara min mil-listi taghha jkun l-aktar meritevoli.*

f. *Illi eventwalment, is-Social Workers addetti minn sahhet Vincent Falzon hassew li jkun aqwa jekk hu jerga' jigi integrat fis-socjeta' flok jibqa' Monte Carmeli – pero' meta l-istess Social Worker marret ma' Vincent Falzon fil-fond de quo, sabet li s-serratura tal-bieb kienet giet mibdula. Vincent Falzon u s-Social Worker regghu bidlu s-serratura imma din regghet inbidlet minghajr ma kien jaf Vincent Falzon. Kaz car ta' "squatting" min-naha ta' Giulio Zammit li ried sahansitra jkecci lil zijuh minn dik li fir-rikors guramentat prezentat mill-attur fil-kawza l-ohra propria vox qed jikkonferma bil-gurament illi 'zijuh Vincent Falzon [...] kien u ghadu sal-lum rikonnoxxut bhala l-inkwilin ta' dan il-fond';*

g. *Illi fl-2004 Giulio Zammit fetah lil Mario Micallef – impjegat tal-Awtorita' tad-Djar u ghalkemm qallu li hu kien qed jghix hemm, filfatt il-frigg kienet mitfija u l-cooker ma jahdimx u l-post kien jidher mitluq u mhux abitat. L-istess Mario Micallef staqsa xi girien li qalulu li mindu telaq Vincent Falzon hadd ma kien qed jghix fil-post. Hawn ukoll, ir-rikorrent ma qalx il-verita' meta fir-rikors*

*promotur fil-kawza l-ohra espona illi huwa 'baqa' joqghod hemm peress li kif intqal din hija l-unika residenza tieghu';*

h. *Illi min imkien ma jirrizulta li r-rikorrent ghandu xi jeddijiet fuq dan il-fond – hu ma pproduca ebda kuntratt jew ghall-anqas korrispondenza li taghtih xi forma ta' titolu fuq il-fond de quo;*

i. *Illi l-Awtorita ghandha interess li tuza l-propjeta' taghha ghall-abitazzjoni ta' persuni li huma fil-bzonn ta' akkomodazjoni socjali u li huma meritevoli ta' tali ghajnuna; mhuwiex sewwa li nies bhar-rikorrent jippretendi li ghax post kien mikri lil zijuh (Vincent Falzon), la darba zijuh telaq mill-post allura dan il-post ghandu jiehdu hu;*

j. *Illi r-rikorrent jippretendi li ghax hu jaf lill-ex-okkupant tal-fond, allura minghajr qatt ma applika ghall-akkomodazzjoni socjali, jaqbez il-lista kollha u jiehu hu dan il-fond li kien mikri lil zijuh.*

8. *Illi x-xhieda ta' moghtija minn Daniela Farrugia (prodotta mill-attur stess, seduta tal-11 t'April 2017) li kienet is-social worker addetta bil-kura ta' Vicnent Falzon, fil-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, titfa' dawl fuq l-agir abbuziv u illegali imwettaq mill-attur in rigward tal-fond de quo. Ix-xhud tistqarr li:*

   *Vincent Falzon " Dahal Mount Carmel, kellu flat mill-Housing, xhin il-pazjent irkupra u gie 'l quddiem ippruvajna nergghu nibghatuh fid-dar tieghu, imma kien dahal in-neputi tieghu d-dar tieghu, ghamel l-ID card fuq il-flat u rrifjuta li Vince Falzon jerga' jmur jghix go dan il-flat. [...]Ghax biddel is-serratura Giulio u rrifjuta li jhalli lil Vince jerga' jidhol id-dar. Darba anke biddilna s-serratura ahna, imma rega' biddilha Giulio. Ktibt il-Housing, ghamilt kwerela [...]Qalli li rega' biddel is-serratura u ha nirreferi ghan-notes ghax ghaddew hdax-il sena mill-ahhar kuntatt tieghi. Jien ktibt lis-Social Housing ghax dan kien flat tas-Social Housing u Vince spicca homeless minhabba li ma setax jirritorna fid-dar tieghu. Qaluli li rrid nirreferi din il-haga tal-illegal occupancy lill-Pulizija. Jien ktibtilhom u kellimthom. Qaluli li rrid nipproduci ittra minn avukat. Ahna m'ghandix avukati, però s-CEO ta' Mount Carmel kien irreferini ghand Dr. Muscat Azzopardi li ghamel kwerela. Mort biha l-ghassa ta' San Giljan u kellimt lill-iSpettur Micallef. Baghat ghal Giulio Zammit u Giulio kien qal li lest li jerga' jacetta lil Vince. Ghamilt l-appuntament imma Giulio ma tfaccax. Ippruvajna kemm-il darba nikkuntattjaw lil Giulio, imma Giulio qatt ma wiegeb il-mobile.[...] Imbaghad Giulio Zammit wara li biddilna s-serratura kien cempilli u kien qalli "ghalfejn biddiltu s-serratura" u ghidtlu li "ridna nidhlu fil-flat" u Giulio qalli li rega' biddilha. Dak kien l-unika kuntatt li kelli."*

   *Illi dak kollu li qalet din ix-xhud huwa ukoll konfermat mid-dokumenti li jinsabu a Fol.184-190 tal-process tal-kawza fil-Prim Awla quddiem l-Imhallef Mintoff.*

9. *Illi Dr. Joseph Vella Baldacchino (prodott mill-attur, seduta 8 ta' Gunju 2017 fil-kawza l-ohra), il-Psikjatra kuranti ta' Vincent Falzon xehed ukoll fil-proceduri odjerni u kkorrobora dak kollu li nghad minn Daniela Farruiga. Waqt ix-xhieda tieghu, Vella Baldacchino avvera li ghalkemm Vincent Falzon kien ghamel progress sinjifikanti fit-*

*trattament tieghu u kien lest biex jerga' jghix gewwa d-dar tieghu, huwa kien impedut milli jaghmel dan "minn xi neputi li kien jghix mieghu. Kien hemm xi kwistjonijiet anke minhabba ghax inbidlu xi serraturi u affarijiet hekk. [...] Ahna l-idea hi li zzommu kemm hemm bzonn, l-iqsar zmien possibbli, imbaghad jirritorna lura d-dar. <u>Kif ahna konna ghamilna dak il-pass ghax kont inkun involut jiena, sibna l-hitan maghluqin u unfairly ghax mal-Housing il-flat kien jaqa' fuqu</u>";*

10. *Illi d-dokument a Fol.164 tall-process quddiem il-Prim Awla, skont l-atturi, huwa dikjarazzjoni maghmula minn Vincent Falzon fis-sens illi huwa jrid jirrilaxxja l-flat de quo favur in-neputi tieghu cioe' l-attur minhabba li huwa kien qieghed residenti gewwa lok iehor (l-iSptar Monte Carmeli). L-attur, kif ukoll ommu Carmen Zammit li xehdet fil-kawza odjerna, jaddebitaw valur kbir lil din id-dikjarazzjoni, li fiha d-dikjarant Falzon innifsu jistqarr li <u>"jiena kelli ninghaqad ma kommunita' u nibda nghix maghha minhabba l-istat ta' sahhti".</u> Intant, l-istruttorja ta' din il-kawza wriet bic-car illi l-problemi ta' sahha li kien afflitt minnhom Falzon kienu ta' natura psikjatrika. Jekk xejn, minn din is-sentenza, jirrizulta palezi li meta Vincent Falzon (gie mgieghel biex) ghamel din id-dikjarazzjoni, huwa ma kienx fi stat ta' gharfien u koerenza mentali illi trid il-ligi sabiex wiehed jersaq ghal atti civili u dikjarazzjonijiet ta' dik in-natura. Maniggi ta' dan il-kalibru jimmeritaw id-deplorazzjoni tal-Qrati. Inoltre', l-argument tal-attur li zijuh Vincent Falzon assenjalu l-kirja tal-fond de quo billi irrinunzjaha a favur tieghu lanqas ma jaghmel sens. Jigi rilevat li hawnhekk si tratta ta' post li huwa allokat bhala akkomodazzjoni socjali u mhux kirja fis-sens ordinarju civili taghha – kirja ta' akkomodazzjoni socjali m'hijiex dritt imma koncessjoni specjali u bhala tali, m'hijiex aljenabbli u hija specifika ghall-persuna. Fil-verita' generalment lanqas kirja ma tista' tigi mghoddija lil haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid. Ghalhekk lanqas kieku tassew ried, Vincent Falzon ma setax jghaddi il-kirja tal-Gvern lill-attur.*

11. *Illi kif jirrizulta mill-ghaddkbir ta' cedoli ta' depozitu pprezentati mill-attur fl-atti bhala provi tieghu, jidher bic-car li l-Awtorita' esponenti qatt ma accettat il-hlas tal-kera minghandu u dan minhabba r-raguni illi hu ma ghandu l-ebda titolu fuq il-fond. Dan in-nuqqas ta' titolu huwa ukoll ammess mill-attur a contrario sensu meta huwa talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-Awtorita' esponenti "tirrokonoxxi" l-okkupazzjoni tieghu;*

12. *Illi fil-25 ta' Ottubru 2016, l-attur kien ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) sabiex iwaqqaf lill-Awtorita' esponeneti milli tizgumbrah mill-fond de quo a bazi ta' nuqqas ta' titolu imma taht il-ligi l-antika. Fid-digriet taghha, il-Qorti kienet iddikjarat li:*

> *"<u>Jirrizulta li l-karta tal-identita` tal-istess rikorrenti qieghda fuq dan il-fond u skont id-dikjarazzjoni tieghu ilha hekk tidher sa mis-sena 2000</u>, qabel ma zijuh gie rikoverat fl-isptar u fejn l-istess rikorrenti baqa' jokkupa l-istess fond. Ir-rikorrent ghalhekk ipprova jedd prima facie ta' pussess u abitazzjoni fuq il-fond mikri lil zijuh u dan il-mandat huwa mehtieg biex il-jedd jigi kawtelat u jekk il-mandat ta' zgumbrament jigi esegwit mill-Awtorita`, ir-rikorrent ser isofri pregudizzju mhux rimedjabbli. <u>Il-Qorti mhix b'daqshekk qieghda tikkondividi mar-rikorrent xi titolu fuq il-fond</u> izda qieghda tissofferma ruhha biss fil-parametri tal-jedd prima facie necessarju ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni."*

*Jibda biex jinghad li kif sewwa rriteniet il-Qorti fil-provvediment taghha u kif wara kollox tghid id-dottrina u l-gurisprudenza, fl-ezami tac-cirkostanzi u kondizzjonijiet ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, il-Qrati huma ammessi li jaghmlu biss ezami semplici fuq bazi ta' prima facie, u allura huma prekluzi milli jaghmlu ezami tat-titolu. Dak huwa fil-mansjoni tal-Qorti li quddiemha tinstema' l-kawza konkomitanti mal-mandat.*

*Fit-tieni lok, in rigward tal-fatt li l-unika konnessjoni tal-attur mal-fond de quo hija d-dikjarazzjoni tal-indirizz fuq il-karta tal-identita' tieghu, jinghad li skont il-gurisprudenza nostrana, dan il-fatt ma jirrizultax fi prova konklussiva ta' titolu, specjalment in vista tal-fatt li l-indirizz tal-karta tal-identita' jigi varjat fuq semplici applikazzjoni unilaterali tal-persuna koncernata. Fil-kawza* ***Calleja vs. Ellul (App. Civ., dec. 29.11.1996)****, gie ritenut illi:*

> *"Ir-residenza ordinarja trid tirriżulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba tagħha ma hemm xejn awtomatiku. Għalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li prima facie jattestaw konnessjoni tagħha mal-fond, bħall-inkluzjoni fir-Registru Elettorali, ir-registrazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Taħriġ mhumiex prova nkonfutabbli ta` residenza. Huwa paċifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva".*

13. *Illi skont l-attur fil-kawza quddiem il-Prim Awla, id-drittijiet tieghu fuq il-fond de quo huma dawk ta' pussess u abitazzjoni. Fl-ewwel lok jinghad li l-****pussess*** *hu kwistjoni ta' fatt u f'dan il-kaz, fl-aqwa ipotesi ghall-attur, tali pussess hu wiehed prekarju ghax ottenut b'mod klandestin u vjolenti kif irrizulta ampjament mill-provi, tant li Vincent Falzon gie mpedut milli jirritorna f'daru wara li l-attur arbitrarjament biddel is-serratura ghal darba darbtejn. Apparti dan, l-attur jarroga ukoll dritt ta'* ***abitazzjoni*** *(dritt sui generis li skont l-Artikolu 310(b)) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa kkonsidrat bhala oggett immobbli. L-artikolu 390 tal-istess ikompli jispecifika li dritt ta' abitazzjoni jista' jinholoq biss a tenur ta' att pubbliku. Ma hemm ebda kuntratt jew titolu ta' abitazzjoni favur l-attur. Tali dritt jista' jinghata biss b'att pubbliku – u ma hemm ebda att pubbliku f'dan is-sens. Hawnhekk ukoll, dak li jghid l-attur huwa manifestament infondat;*

14. *Illi l-attur talab ukoll li Prim Awla tal-Qorti Civili ssib u tiddikjara illi "l-inkwilin vigenti" huwa zijuh Vincent Falzon. L-ewwel u qabel kollox, jigi rilevat illi l-attur ma ghandux l-interess guridiku necessarju biex jipproponi din it-talba stante li tirrigwardi biss dikjarazzjoni dwar drittjiet ta' terzi. Skont il-gurisprudenza nostrana:*

> *"Biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. L-interess irid dejjem ikun konkret u mhux ipotetiku"* ***(Tarcisio Barbara vs. Emanuel Azzopardi et, PA, dec. 28.03.2003)***

*Jinghad ukoll li l-fatt li l-inkwilin vigenti hu Vincent Falzion qatt ma gie michud, ergo din it-talba kienet kompletament superfluwa u inutili. Jinghad ukoll li gialadarba hemm talbiet li sostantivament jiccentraw dwar id-drittijiet ta' Vincent Falzon u l-istess Vincent Falzon ma kienx parti fil-kawza, il-gudizzju mhuwiex wiehed integru. L-attur ma ghamel xejn sabiex jissana dan id-difett u dan minkejja l-fatt li anke' tqajjmet eccezzjoni mill-Awtorita' esponenti f'dan is-sens;*

15. *Illi l-fattispecji li wasslu ghall-vertenza odjerna jirrisalu ghall-fatt li mis-sena 2011, l-Awtorita' esponenti bdiet proceduri sabiex tizgombra lill-attur mill-fond de quo u dan minhabba li huwa kien qieghed jiddetjeni fond intiz ghall-akkomodazzjoni socjali minghajr ma huwa kellu jew ghandu ebda titolu jew rikonoxximent minghand l-istess Awtorita' esponenti (vide avviz mibghuta lill-attur a Fol.198 u 204 tal-kawza quddiem il-Prim Awla). Jigi ribadit illi kuntrarjament ghal dak li jghid l-attur, ma hemm xejn xi jwaqqaf lill-Awtorita' esponenti milli tezercita il-poteri moghtija lilha taht il-Kapitolu 228 tal-Ligijiet u issa taht il-Kapitolu 573 tall-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk anke din it-talba tal-attur f'dan is-sens hija infondata. Permezz ta' din it-talba l-attur qed jipprova igib mill-Qorti assikurazzjoni perpetwa li hu qatt ma jista jigi zgumbrat – haga li lanqas l-il-Prim Awla ma kellha mansjoni bil-ligi li tordna. L-unika haga li qed jiggranfa maghha l-attur huwa l-mandat ta' inibizzjoni illi huwa kiseb fuq bazi prima facie. Imma dak hu biss maghqud mal-izgumbrament bazat fuq il-Kap 228, haga li mhux ser tigri ghax issa hemm procedura aktar gusta taht il-Kap 573 li qed tigi utilizzata. Huwa l-kompitu ta' dan it-Tribunal li issa jissindaka jekk l-attur ghandhux dritt sostantiv li jokkupa l-fond jew le – kwistjoni li t-twegiba ghaliha hija inkonfutabbli fil-kuntest tal-provi mressqa;*

16. *Illi fis-sottomissjonijiet mressqa minnu, bl-arroganza kollha l-attur jippretendi illi huwa ghandu drittijiet lil hinn minn dawk li jezistu fil-ligi ghall-kumplament tac-cittadini. Huwa jghid li "zgur ma jkunx ghaqli li l-esponent jigi zgumbrat [...] peress li ilu mindu kien tifel zghir jghix go dak il-fond <u>u ghalhekk illum ghandu jedd jibqa' jghix go fih</u>". Ovvjament, l-attur ma jikkwota ebda artikolu ta' ligi li jsostni dak li huwa qieghed jghid ghax ma hemmx. Dan qed jinghad fil-kuntest ta' ordinament guridiku li matul dawn l-ahhar snin naqqas id-drittijiet successorji fil-kirjiet tant li skont il-Kodici Civili, ghas-sahha tal-argument, neputijiet ma ghandhomx id-dritt li jissuccjedu fil-kirja taz-zijiet taghhom – u hawnekk qed nitkellmu fuq persuni in buona fede u mhux persuni li bhall-attur, hadu il-pussess b'atti klandestini u vjolenti u fuq kollox kontra l-volonta' tal-inkwilin proprju.*

***Ghal dawn ir-ragunijiet kollha it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u l-ittra ufficjali li tordna l-izgumbrament ghandha issir titolu ezekuttiv. Daqstant ghandha x'tissottometti l-Awtorita' esponenti ghas-superjuri gudizzju ta' dan it-Tribunal. "***

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra ufficjali bla data li pero` jirrizulta li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-21 ta' Frar 2019 u notifikata lilu fis-6 ta' Jannar 2020. Permezz ta' din l-ittra l-Awtorita` intimata talbet lir-rikorrent jizgombra mill-fond Blokk A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika tal-istess ittra u dan stante li r-rikorrent kien qieghed jokkopa l-imsemmi fond **minghajr ebda titolu validu fil-ligi**.

Illi mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal, u minn dawk prodotti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fir-Rikors Guramentat Numru 998/16 fl-ismijiet ***"Giulio Zammit vs Antoinette Vassallo bhala Chairperson ghall-Awtorita` tad-Djar u in rapprezentanza ta' l-istess Awtorita` u b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2017 Antoinette Vassallo giet sostitwita minn Robert Ducker bhala Chairperson in rapprezentanza tal-istess Awtorita`"*** jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent kien ilu zmien joqghod ma' nanntu u ma' certu Vincent Falzon, zijuh, ghal ammont ta' snin, l-istess qatt ma gie rikonoxxut mill-Awtorita` intimata bhala l-inkwilin tal-fond *de quo*. Jirrizulta wkoll illi fis-7 ta' Lulju 2008 zijuh kien iffirma dikjarazzjoni fejn iddikjara illi r-rikorrent kien jghix mieghu u ma' ommu fil-flat in kwistjoni minn mindu kien ghadu zghir. Iddikjara wkoll illi fl-ahhar zmien kien inghaqad ma' komunita` u beda jghix maghha minhabba l-istat ta' sahhtu u ghalhekk ir-rikorrent baqa' jghix wahdu fl-appartament in kwistjoni peress li ommu, cioe` omm Vincent Falzon, kienet giet nieqsa.. Iddikjara wkoll illi kien qieghed irrinunzja ghall-kirja tal-fond *de quo* b'effet immedjat favur ir-rikorrent.[1]

Jirrizulta wkoll illi din mhix l-ewwel okkazjoni fejn l-Awtorita` intimat ippruvat tizgombra lir-rikorrent. L-ewwel tentattiv jirrizulta li sar permezz ta' Ordni datat 30 ta' Settembru 2016 ai termini tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta' Malta[2] fejn, pero`, r-rikorrent sussegwentement kien intavola Mandat ta' Inibizzjoni biex izomm lill-istess Awtorita` milli tattwa d-decizjoni taghha, wara liema Mandat giet istitwita kawza quddiem il-Qrati Superjuri fejn fost affarijiet ohra talab lil dik il-Qorti sabiex l-Awtorita` intimata tigi ordnata tirrikonoxxi t-titolu ta' pussess u abitazzjoni tieghu u tirregolarizza l-posizzjoni taghha billi taghtih gharfien skont il-Ligi.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti esebiti, inkluz dawk tar-Rikors Guramentat Numru 998/16 jirrizulta illi l-pendenza bejn ir-rikorrent u l-Awtorita` tad-Djar ilha ghaddeja snin twal,

[1] A fol. 164 tar-Rikors Guramentat 998/16
[2] A fol. 5 tar-Rikors Guramentat 998/16

sahansitra mill-2005. Jirrizulta illi l-fond in kwistjoni kien inghata b'kera lil Ines Falzon, in-nanna tar-rikorrent, fil-11 ta' Dicembru 1984 (Dok AX1 a fol. 97). Sussegwentement l-istess kirja ghaddiet fuq binha Vincent Falzon (Dok AX6 a fol. 112). Fl-atti giet pprezentat ittra datata 9 ta' Frar 2005 fejn l-istess Awtorita` kienet infurmat lir-rikorrent illi l-fatt li qaleb l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita` fuq il-fond *de quo* ma tintilohx li jigi rikonoxxut bhala inkwilin jekk l-istess fond jigi vakat temporanjament jew b'mod permanenti mill-inkwilin rikonoxxut.[3] Fis-7 ta' Frar 2009 l-Awtorita` regghet kitbet lir-rikorrent fejn infurmatu li ma kinitx l-intenzjoni tal-Gvern li jirrikonoxxih fil-kirja tal-fond in kwistjoni. Ghaldaqstant huwa kien inghata zmien biex jirritorna c-cwievet tal-fond u li fin-nuqqas kienu se jittiehdu passi legali kontrih.[4] Jirrizulta li r-rikorrent ukoll da parti tieghu kiteb diversi ittri lill-Awtorita` intimata, anke wara li l-Awtorita` intimata itterminat il-kirja favur zijuh stante li kif sottomess f'ittra datata 4 ta' April 2011, zijuh kien qieghed jaghmel uzu minn servizz iehor tal-istess Awtorita`. Fi kliem l-istess rikorrent jirrizulta illi zijuh kien qieghed jghix f'appartament iehor tal-Awtorita` intimata gewwa l-Imgarr minhabba kwistjonijiet ta' sahha.[5] Jirrizulta illi fl-4 ta' Marzu 2015, l-Awtorita` intimata regghet talbet lir-rikorrent jizgombra mill-fond in kwistjoni.[6] Ghal din it-talba, ir-rikorrent wiegeb permess ta' ittra legali fejn informa lill-Awtorita` intimata li l-kaz tieghu huwa wiehed socjali u li jimmerita l-ghajnuna min-naha tal-Awtorita`.[7]

Illi ghalhekk dan it-Tribunal josserva illi l-Awtorita` intimata ilha mill-inqas hmistax (15)-il sena tintima lir-rikorrent biex jizgombra mill-fond in kwistjoni, bir-rikorrent min-naha tieghu dejjem jitlob xi forma ta' rikonoxximent legali stante li l-imsemmi fond huwa l-unika residenza tieghu.

**Aggravji**

Illi permezz tal-**ewwel aggravju** r-rikorrent isostni illi l-ittra mibghuta mill-Awtorita` fejn gie ordnat jizgombra mill-fond in kwistjoni hija nulla stante li hija skarna mir-ragunijiet li abbazi taghhom intalab l-istess zgumbrament.

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 573 l-Awtorita` intimata tista' tordna l-izgumbrament jekk l-art *"tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu validu fil-liġi."*

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan l-ewwel aggravju huwa manifestament fieragh. Jirrizulta illi apparti li fl-ittra ufficjali in kwisjtoni giet imnizzla r-raguni

---

[3] A fol. 216 tar-Rikors Guramentat 998/16
[4] Fol. 213 tar-Rikors Guramentat 998/16
[5] Ara ittra indirizzata lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi a fol. 199 tar-Rikors Guramentat 998/16
[6] A fol. 198 tar-Rikors Guramentat 998/16
[7] A fol. 197 tar-Rikors Guramentat 998/16

ghat-talba ta' zgumbrament, u cioe`, illi r-rikorrent kien qieghed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, jirrizulta wkoll illi l-Awtorita` intimata ilha snin twal tintima lir-rikorrent biex jizgombra mill-istess fond peress li huwa qatt ma gie rikonoxxut bhala inkwilin. Ghaldaqstant l-ittra ufficjali in kwisjtoni ma tippekka bl-ebda mod stante li r-raguni moghtija fiha hija wahda cara hafna. **<u>Ghaldaqstant danl-aggravju qieghed jigi michud.</u>**

Illi **<u>it-tieni aggravju</u>** huwa fis-sens illi ma hux minnu li r-rikorrent qieghed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Hawnhekk ir-rikorrent jishaq li ghandha tkun l-Awtorita` intimata li ggib prova li r-rikorrent m'ghandux titolu validu fil-ligi u mhux huwa u dan abbazi tal-principju *qui allegat probat*. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Jekk ir-rikorrent qieghed jallega li huwa ghandu titolu huwa jrid jipprova dan u mhux l-Awtorita` intimata. Kien ghalhekk jispetta lir-rikorrenti li jgib prova tat-titolu li hu qieghed jippretendi li ghandu. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, u fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti Superjuri, l-uniku prova li gab ir-rikorrent hija li huwa ilu jabita f'dan il-fond ghal snin twal. It-Tribunal josserva li l-fatt li l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita jgib l-indirizz tal-fond in kwistjoni ma jaghti l-ebda titolu legali lir-rikorrent. Lanqas ma taghtih xi titolu validu fil-ligi id-dikjarazzjoni ta' Vincent Falzon datata 7 ta' Lulju 2008. Ghaldaqstant anke **<u>it-tieni aggravju</u>** qieghed jigi michud.

Illi dan huwa kaz klassiku fejn l-Awtorita` intimata hadet pacenzja ghal snin twal b'okkupant ta' fond taghha minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Illi kif inhu risaput, biex fond tal-Awtorita` intimata jigi allokat lil xi individwu dan irid jghaddi minn certu testijiet u dan sabiex il-process ikun wiehed trasparenti u oggettiv. Huwa fatt magħruf li l-Awtorità tad-Djar għandha sistema ta' punti li talloka fuq bażi ta' mertu għall-każijiet li jitressqu quddiemha, u li min jiġi allokat fond mingħandha għall-kiri jkun issodisfa r-rekwiżiti imposti mill-istess Awtorità, u dan sabiex jiġi assigurat li dawn il-fondi verament jinkrew lil min għandu bżonn akkomodazzjoni soċjali.

Anke kieku ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi illi z-ziju tar-rikorrent irrinunzja ghall-kirja favur tieghu, xorta wahda kellhom isiru certu proceduri mal-Awtorita` intimata sabiex jigi stabbilit jekk ir-rikorrent jikkwalifikax jew le ghal akkomodazzjoni socjali. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument jikkwalifika ghal tali beneficcju, ried isir assessjar ulterjuri biex jigi verifikat jekk l-appartament li jghix fih huwiex kommisurat mal-bzonnijiet tieghu jew inkella jistghax jaqdi l-bzonnijiet ta' familja forsi iktar numeruza. Minn dan kollu jidher li ma sar xejn. Kwindi it-Tribunal ma jista' jara l-ebda raguni ghala m'ghandux jikkonferma l-Ordni maghmula fl-ittra ufficjali Numru 673/19.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata u ghaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra ufficjali numru 673/19 li kopja taghha tinsab esebita bhala Dokument A a fol. 6 tal-process, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi terminu ta' tliet (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jizgombra u jnehhi kull oggett mobbli appartenenti lilu mill-fond Blokk A, Flat 21, Triq il-Hawha, San Gwann.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**